**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 8 ta' Jannar 2025

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Keith Arnaud)**
**vs**

**Christopher Scerri**
***Omissis***

Kumpilazzjoni nru. 894/2010 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Christopher Scerri,** iben Ronald u Grace nee` Micallef, imwieled fil-11 ta' Settembru 1978, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 419778M

Akkużat talli fis-6 ta' Settembru 2009, għall-ħabta tat-tmienja nieqes kwart ta' filgħodu, ikkommetta serq minn ġewwa r-residenza bl-isem *Tesant*, li tinsab fi Triq Wied il-Għajn, Żabbar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, u dan għad-detriment ta' Maria Teresa u Anthony Lia minn Ħaż-Żabbar u/jew persuna jew persuni oħra

U aktar talli kiser il-provvediment tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi ikkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża għal erba' snin mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. fl-14 ta' Novembru 2007, kif ukoll sentenza sospiża għal sentejn mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Michael Mallia LL.D. fl-14 ta' Jannar 2008 ;

U akkużat aktar talli kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr Audrey Demicoli LL.D. nhar is-16 ta' Novembru 2007

U akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti tal-każ u t-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet bil-ġurament tax-xhieda;

Rat illi permezz tan-nota bl-artikoli datata 16 ta' April 2019 l-Avukat Ġenerali talbet li tinstab ħtija taħt is-segwenti artikoli:

i. L-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264, 265, 267, 269, 278, 279(b) 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
ii. L-artikoli 28A, 28B, u 28F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii. L-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
iv. L-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kpaitolu 9 tal-Liħijiet ta' Malta;
v. L-artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u n-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża;

**Ikkonsidrat;**
Dan il-każ imur lura għas-sena 2009 meta l-imputat allegatament ikkommetta serq aggravat bil-mezz, valur u lok minn residenza ġewwa ż-Żabbar, u dan ukoll waqt il-perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi datati 14 ta' Novembru 2007 u 14 ta' Jannar 2008 u ordni ta' probation relattiv mogħti f'sentenza datata 16 ta' Novembru 2007, u rrenda ruħu reċediv.

**L-Ispettur Fabian Fleri** xehed waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2010 illi fis-6 ta' Settembru 2009 Maria Teresa Lia u żewġha Anthony Lia kienu ċemplu l-għassa biex jirraportaw li kienu għadhom kemm skoprew li xi persuni kienu daħlulhom id-dar u serqu ammont ta' flus u ġojjelerija. Huwa kien għalhekk irrikorra fuq il-post flimkien ma' PS91 Michael Buttigieg u PC1603 Mario Muscat, u mill-investigazzjonijiet li għamlu fuq il-post irriżultalhom li l-persuni kienu daħlu fil-post mill-bieb prinċipali permezz ta' ċavetta peress li ma kienx hemm sinjali ta' sgass, u kienu ħarġu mill-istess bieb u għalqu l-bieb warajhom. Fuq il-post kien hemm taqlib fis-sular ta' isfel, u kienu ttieħdu s-somma ta' €10,954 fi flus kontanti u ġojjelerija b'valur komplessiv ta' madwar €4,000. Il-konuġi Lia kienu qalulhom li ma kien hemm ħadd id-dar bejn 6.45am u 8.00am. Il-Maġistrat tal-Għassa kienet ordnat il-ftuħ ta' inkjesti u ħatret diversi esperti, u jumejn wara huwa kien irċieva telefonata anonima b'informazzjoni li r-reat kien ġie kkommess minn żewġ persuni ta' sess maskili li kienu qed jużaw vettura tal-marka Mitsubishi u għamla Pajero li pparkjawha f'*side road* maġenb id-dar tal-konjuġi Lia. F'din it-triq kien hemm ħanut li kellu CCTV *cameras* u fil-*footage* ra vettura Mitsubishi Pajero ta' kulur *silver* tiġi pparkjata fit-tarf tat-triq għal ħabta ta' 6.50am u minnha joħorġu żewġ persuni ta' sess maskili u jduru l-kantuniera, li mbagħad irritornaw lura fis-7.10am u telqu fl-istess vettura. Din il-vettura kellha n-numru ta' reġistrazzjoni IBM361 u kien irreġistrata fuq ċerta Diane Julie Scerri, li hija mart l-imputat Christopher Scerri, li kien magħruf mal-pulizija. Għalhekk huwa kien talab il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-konjuġi Scerri. Flimkien mal-Assistent Kummissarju (dak iż-żmien Spettur) Keith Arnaud kienu għamlu tfittxija fir-residenza fejn kien joqgħod Scerri fejn instab flokk li kien jidher li huwa l-istess wieħed milbus dakinhar tar-reat kif kien jidher mic-CCTV *footage,* li għalhekk ġie elevat.

Il-konjuġi Lia kien qalulhom li uliedhom kellhom kopja taċ-ċavetta tad-dar u binthom Graziella Lia kien qaltilhom li din il-kopja hija żżommha d-dar fil-*handbag* u li l-għarus tagħhom Omar Pisani kien jaf fejn hi din iċ-ċavetta. Huma għalhekk kien interrogaw lil Pisani, li kien qalilhom li huwa kien jixtri d-droga mingħand ċertu Freddie Delia magħruf bħala l-Paj Paj u dan Delia kien talbu ċ-ċavetta tad-dar tal-ġenituri tiegħu u l-ġenituri tat-tfajla tiegħu, u meta irrifjuta li jagħmel dan Delia beda jheddu u għalhekk kien tah iċ-ċavetta tad-dar tal-konjuġi Lia. Pisani qalilhom li kien kien għadda din iċ-ċavetta lil Delia ma' Delia kien hemm Christopher Scerri magħruf bħala Buttuni, li rriżultalhom li kien l-istess persuna li kienu arrestaw fil-bidu tal-investigazzjoni, u ċioe l-imputat. Pisani kien tressaq il-Qorti fl-10 ta' Ġunju 2010 u ammetta għar-reat ta' kompliċita f'serq u ingħata Ordni ta' Probation għal tlett snin, filwaqt li Delia u Scerri ġew arrestat fis-26 ta' Awissu 2010, u tressqu l-Qorti taħt arrest fit-28 ta' Awissu 2010. Huwa preżenta kopja tal-okkorrenza li ġie immarkata bħala DOK FF1 (*fol* 36 *et seq)*.

**Omar Pisani** xehed waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2010 illi sa xi erba' xhur qabel kien f'relazzjoni ma' Graziella Lia u kienu jgħixu flimkien f'residenza viċin tad-dar tal-ġenituri tagħha, li kienet fi Triq Wied il-Għajn, Żabbar. Graziella Lia kellha ċavetta għad-dar tal-ġenituri tagħha, u huwa kien ta din iċ-ċavetta lil Freddie Delia, li għaraf fl-awla. Spjega li lil Delia kien ilu jafu xi tmien xhur meta tah iċ-ċavetta tad-dar tal-konjuġi Lia, u Delia kien jaf lil familja Lia peress li kien magħrufin Ħaż-Żabbar li kellhom il-flus. L-għoti taċ-ċavetta kienet ilha tiġi diskussa bejnu u bejn Delia iżda eventwalment kien għaddielu ċ-ċavetta għaliex Delia beda jheddu bil-familja. Delia kien semmielu li waqt is-serqa kien ser ikun ma' ċertu Chris magħruf bħala Buttini, li għaraf fl-awla bħala l-imputat Christopher Scerri. Qal li ċ-ċavetta kien ta lil Delia xi ħmistax qabel ma seħħet is-serqa, u li kienu hu u Delia waħedhom meta għamel dan. Xehed li huwa kien qal lil Delia biex jirritorna ċ-ċavetta mil-ewwel u filfatt Delia kien tah iċ-ċavetta lura dakinhar stess. Meta ltaqgħu biex Delia jagħtih lura ċ-ċavetta kien hemm miegħu Christopher Scerri biex jurihom fejn hi d-dar tal-konjuġi Lia, u hu kien qalilhom li huwa mportanti li ma jweġġa ħadd. Delia u Scerri kellhom Mitsubishi Pajero kulur *silver* li kien qiegħed isuq Scerri, li kienu użaw kemm biex imorru sad-dar tal-konjuġi Lia u kemm biex ħaduh lura d-dar, fejn kien poġġa lura ċ-ċavetta fejn kienet. Spjega li huwa sar jaf bis-serqa dakinhar stess tas-serqa għaliex il-konjuġi Lia kienu marru għandhom ippanikjati, u kien sar jaf li nsterqu flus u deheb mingħandhom stess. Mistoqsi huwa x'kien ħa tar-rwol tiegħu fis-serqa wieġeb li kellu jagħti xi ħaġa lil Delia hu kien paċew kollox b'hekk.

**In kontro-eżami** xehed illi l-għarusa tiegħu kienet telqitu minħabba li kien qal xi paroli Freddie Delia, iżda mistoqsi jekk allura għandux għal Delia wieġeb li le peress li dan kollu inqala` wara li kienu ġabruh il-pulizija u rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Xehed illi ma jafx jekk is-serqa ġietx kommessa minn Delia waħdu jew xi ħadd ieħor peress li ma kienx hemm. Xehed li l-ewwel darba li bagħtu għalih il-pulizija, meta kien għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu, kien għadu mat-tfajla tiegħu. It-tieni darba, meta t-tfajla tiegħu kienet telqitu, possibilment minħabba xi kliem li kien qal Delia, kien irrilaxxa stqarrija u kien għaraf liż-żewġ imputat minn ritratti li kienu urewh il-pulizija. Mistoqsi għalfejn kien għażel li jirrilaxxa stqarrija din id-darba wieġeb li dakinhar huwa ħaseb li kien inqabad xi ħadd ieħor u tkellem.

**In ri-eżami** xehed li huwa ma kienx għadu f'relazzjoni ma' Graziella Lia peress li kien waqa` fil-vizzju tad-droga wara li kien ilu *clean* tlett snin u hija ma felħitx iktar.

**Maria Teresa Lia** xehdet waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2010 illi hi toqgħod fl-indirizz Tessant, Wied il-Għajn Street, Żabbar u dakinhar tas-serqa, u ċioe fis-6 ta' Settembru 2009, kienet marret għal quddies għal xi s-6.45am u daħlet lura d-dar għal ħabta tat-8.00am. Meta daħlet mill-bieb ta' barra dan kien magħluq u msakkar u hi fetħet biċ-ċavetta.Spjegat li kif fetħet il-bieb rat il-bibien kollha tal-*wallunit* miftuħin u affarijiet mal-art, u l-bieb tal-bitħa miftuħ. Hija marret mill-ewwel għal bintha Dorianne u kienu ċemplu lil pulizija. Meta waslu l-pulizija fuq il-post kienu ċċekjaw il-kmamar u mid-dar kienu sabu neqsin madwar €10,000 li kienu f'żewġ mazzi ta' flus, €700 li kienu f'muniti fi tlett boroż lesti biex toħodhom il-bank u sabet ukoll nieqsa il-flus tal-pensjoni li kienet iżomm fi fruttiera fl-ammont ta' ċirka €600. Kien hemm neqsin ukoll sitt ċrieket, erba' tan-nisa u tnejn tal-irġiel, brazzuletta b'*lucky charm,* balbazzar, arloġġ, sett ġo kaxxa antika konsistenti fi brazzuletta, par imsielet u labra li kien tad-deheb u bil-ġawar. Spjegat li apparti hi, ulieda Sandro, Dorianne u Graziella kellhom kopja taċ-ċavetta kull wieħed. Graziella kienet toqgħod f'post fi Triq Krexxuni Żabbar flimkien mal-partner tagħha Omar Pisani. Spjegat li meta kienet waslet lura mill-quddies dakinhar tas-serqa kienet sabet il-bieb ta' barra kif ħallietu, iżda it-tieqa tal-kamra tal-ikel kienet miftuħa kompletament mentri hi kienet ħallietha nofsha miftuħa, u l-bieb tal-bitha kienu fetħuh nofsu beraħ u kien għadu msakkar biċ-ċavetta min naħa ta' ġewwa.

**In kontro-eżami** xehdet li kienu l-pulizija li kienu qalulhom li l-ħallelin kienu daħlu mill-bieb ta' barra għaliex huma kienu ħasbu li kienu daħlu min ġewwa peress li sabu t-tieqa u l-bieb li jagħtu għal fuq ġonna miftuħa. Spjegat li t-tieqa tal-kamra tal-ikel tagħti għal fuq il-bitħa tagħha, u wara l-bitha kien hemm il-ġonna tan-nies.

**In ri-eżami** xehdet li l-ġonna li jinsabu wara l-bitħa tagħha huma parti minn residenzi privati, u hemm ċint għoli bejn seba' u tmien filati.

**Anthony Lia** xehed waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2010 fis-6 ta' Settembru 2009 huwa kien ħareġ mid-dar għal xi l-5.15am jew 5.30am biex imur jara ż-żwiemel, u ħalla lil martu d-dar. Huwa rritorna d-dar għal xi d-9.00am u sab lil pulizija hemm. Spjega li hu għandu żewġt itfal, Dorianne u Graziella, li ma jgħixux magħhom iżda joqgħod Ħaż-Żabbar stess, ftit il-bogħod minnhom. Graziella kienet toqgħod f'dan il-post mal-partner tagħha Omar Pisani, u kellha wkoll ċavetta għad-dar tagħhom. Mistoqsi x'kienu sabu misruq, wieġeb li kienu insterqu €10,000 in kontanti li kienu ġo komodina fil-kamra tas-sodda, erba' ċrieket u *choker,* u wkoll li kienu nsterqu xi flus u ġojjelli ta' martu iżda ma jafx x'inhuma.

**PC1603 Mario Muscat** xehed waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar 2011 illi fis-6 ta' Settembru 2009 kienu ġew infurmati fit-8.05am li kienet saret serqa mir-residenza Tessant, Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar. Hu kien mar fuq il-post flimkien ma' PS91, u kienu sabu taqlib fis-salott, taħt it-taraġ, u fil-kmamar tas-sodda, iżda ma kien jidher li sar l-ebda żgass. Skont il-kwerelanti kien hemm flus u deheb meqisn. Il-bitħa tar-

residenza kienet tidher imbajda friska, r-residenti kienu qalulhom li kienu għadhom kif bajdu l-ġimgħa ta' qabel fil-ġir u ż-żebgħa bajda, u mal-ħajt ma kien hemm l-ebda forma ta' skalata, u dan apparti li l-bitħa kienet imdawra bis-siġar u għalhekk persuna ma setgħatx titla` u taqbeż għal ġol-bitħa. Huma infurmaw lill-ispettur Fabian Fleri li kien irrikorra fuq il-post.

**In kontro-eżami** xehed li huwa mpossibli li tidhol mill-bitħa għaliex hemm wisq siġar u għalhekk huwa mpossibli li ma teħilx jew tingirifx peress li s-siġar kienu kollu ponot.

**In ri-eżami** wieġeb li meta waslu fuq il-post kien hemm tieqa ta' wara miftuħa iżda ma kien hemm l-ebda sinjal li jindika li xi ħadd daħal minn x'imkien minn wara.

**PS91 Michael Buttigieg** xehed waqt is-seduta tal-20 ta' Lulju 2011 b'referenza għall-okkorrenza immarkata bħala DOK FF1 li din fiha żball peress illi huwa kien kiteb 07:45 minflok 06:45. Spjega li fis-6 ta' Settembru 2009 Maria Teresa Lia kienet infurmathom għal ħabta tat-8.00am li kien sar serq fir-residenza tagħha bl-indirizz Tessant, Triq Wied il-Ghajn, Żabbar. Huwa kien mar fuq il-post u kien sab il-kmamar kollha imqalbin. Lia kien qaltlu li kien impossibli li dak il-ħin tgħidlu l-valur ta' dak li kien insteraq. Huwa kien ra li l-bieb tal-bitħa kien miftuħ u kien hemm sellum fil-bitħa li Lia kienet qaltlu li kienet ħalliet hi stess. Hu tela` fuq il-bejt u ra li kien impossibli li l-ħallelin daħlu minn naħa tal-bitħa ma huwa impossibli li ma tingirifx jew tweġġa sew jekk taċċedi minn hemm. Apparti minn hekk il-ħajt tal-bitħa kien jidher li kien għadu misbuħ frisk u ma kien hemm l-ebda sinjali ta' *scaling.* Huwa informa lill-Ispettur Fabian Fleri li kien mar fuq il-post. Kienu daru fl-post flimkien ma' Lia u indikaw fir-rapport dak li kienet qaltilhom li kienet sabet misruq.

**L-Ispettur Keith Arnaud** xehed waqt is-seduta tal-20 ta' Lulju 2011 u esebixxa erba' sentenzi tal-qrati Maltin mogħtija fil-konfront ta' Christopher Scerri datati 16 ta' Novembru 2007 (DOK KA2), 14 ta' Novembru 2007 (DOK KA3), 14 ta' Jannar 2008 (DOK KA4), u 1 ta' Novembru 2007 (DOK KA5).

**Riprodott** waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2012 xehed li fis-6 ta' Settembru 2009 il-konjuġi Lia kienu irraportaw li kellhom xi sgass fid-dar tagħhom bl-isem Tessant li tinsab fi Triq Wied il-Għajn, Żabbar. Is-serqa kienet seħħet dakinhar stess bejn is-6.45am u t-8.00am waqt li l-konjuġi Lia kienu għal quddies. Il-konjuġi Lia indikaw li sabu ċirka €11,000 fi flus neqsin u deheb nieqes b'valur komplessiv ta' ċirka €4,000, u li min daħal kien seta' possibilment daħal b'xi ċavetta imqabbla jew bl-istess ċavetta tad-dar peress li ma kien hemm l-ebda sinjal ta' sgass. Mill-investigazzjoni kien irriżulta li l-persuni involuti fis-serqa kien daħlu fid-dar it-tnejn li huma u li kienu użaw Mitsubishi Pajero ta' lewn griż li kienet ġiet ipparkjata kantuniera bogħod mill-fond tal-konjuġi Lia. F'din it-triq kien hemm CCTV cameras tal-fond Royal Bargains li minnhom kienu ittieħdu r-recordings minn PS516 li kien inħatar mill-Maġistrat Inkwirenti għal dan il-għan. Minn dawn il-filmati kien irriżulta li fis-6 ta' Settembru 2009 fis-sebgħa neqsin ħamsa ta' filgħodu (6.55am) kienet ipparkjat Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni IBM361 fil-viċinanzi tal-ħanut imsemmi, u minn din il-vettura kienu ħarġu żewġ persuni li mxew fid-direzzjoni tad-dar tal-konjuġi Lia u rritornaw lura xi ħmistax -

il minuti wara, u din id-darba minflok b'idejhom vojta wieħed minnhom kien qiegħed iżomm xi oġġett f'idejh li deher li kien xi tip ta' basket, borża jew investa. Wieħed minn dawn il-persuni, li kien ix-xufier tal-vettura, kien liebes flokk aħdar b'disinn fuqu. Irriżulta li l-vettura msemmija kienet irreġistrata fuq isem Diane Julie Scerri iżda kienu jafu li din il-vettura kienet tintuża mill-imputat peress li kienu waqqfuh biha kemm il-darba. Għalhekk intalab il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat, u nell frattemp l-Ispettur Fabian Fleri kien interroga lil Omar Pisani li dak iż-żmien kien joħroġ mat-tifla tal-konjuġi Lia. Meta kienu marru biex jesegwixxu l-mandat fil-konfront tal-imputat fit-30 ta' Settembru 2009 l-imputat ma nstabx fuq il-post, iżda kien hemm it-tfajla tiegħu Muriel Micallef li kienet ikkonfermat li l-imputat kien jgħix magħha fl-appartament u kellu xi affarijiet tiegħu hemmhekk. Waqt it-tfittxija innutaw flok minxur, li kien jixbah ħafna dak li deher fuq il-filmati meħuda mic-CCTV cameras, u Micallef ikkonfermatilhom li dan il-flokk kien tal-imputat, li għalhekk kien ġie elevat minnhom flimkien ma' flokk ieħor ta' lewn skur u kalzetta li kienu wkoll minxurin dakinhar. L-imputat kien ġie mitkellem fl-1 ta' Ottubru 2009 u kien għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda li saritlu, u kien ġie rilaxxat mill-arrest dakinhar stess. L-investigazzjoni kienet tkompliet u f'Mejju 2010 kien reġa ġie arrestat Omar Pisani li kien ammetta l-involviment tiegħu billi ammetta li kien għadda kopja taċ-ċavetta tad-dar tal-konjuġi Lia lil Alfred Delia, u li Delia kien akkumpanjat mill-imputat meta iltaqgħu biex Delia jagħti ċ-ċavetta lura lil Pisani qabel ma saret is-serqa. Konsegwentement Pisani kien tressaq il-Qorti b'arrest fuq l-involviment tiegħu f'dan il-każ, u a bażi ta' din l-informazzjoni ġdida kienu reġu ġew arrestati l-imputat u Alfred Delia fis-27 ta' Awissu 2010. L-imputat għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu waqt l-interrogatorju.

Huwa esebixxa pakkett kontenenti żewġ tops u kalzetta (Dok KA8), stqarrija ta' Christopher Scerri (Dok KA9), dikjarazzjoni (Dok KA10), stqarrija ta' Christopher Scerri (KA10) u stqarrija oħra ta' Christopher Scerri (KA13).

**Graziella Lia** xehdet waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012 illi fl-2009 hija kienet tqogħod Ħaż-Żabbar qisu żewġ minuti bogħod mir-residenza ta' ommha, flimkien ma' Omar Pisani u t-tfal tagħhom. Hija kellha ċavetta għad-dar ta' ommha li kienet tħalli d-dar u ma tuża qatt. Xehdet li hija qatt ma kienet tilfet din iċ-ċavetta u lanqas ma kienet qatt selfitha lil xi ħadd. Qalet ukoll li Pisani qatt ma kien talabha din iċ-ċavetta. Mistoqsija jekk fil-perjodu tas-6 ta' Settembru 2009 qatt kienx hemm xi okkażjoni fejn kienet ħalliet iċ-ċavetta ta' ommha d-dar tagħha wieġeb illi iva peress li hi qatt ma kienet tmur biha għand ommha u kienet tħabbtilha l-bieb minflok.

**John Sacco** xehed waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2012 illi huwa kien maħtur bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti biex jagħmel aċċess u jirrelata fuq l-investigazzjonijiet mal-pulizija. Xehed li huwa kien aċċeda fuq il-post dakinhar stess, u ċioe fis-6 ta' Settembru 2009, u għaraf ir-rapport tiegħu a *fol 40* tal-Proces Verbal li jinsab esebit fl-atti. Spjega li l-valuri indikati fir-relazzjoni tiegħu huma l-valuri indikati lilu mill-konjuġi Lia.

Fir-rapport preżentat fil-*proces verbal* Sacco inkluda li persuni mhux magħrufa daħlu fir-residenza tal-konjuġi Lia fis-6 ta' Settembru 2009 bejn is-6.45am u t-8.00am u serqu

*choker* tad-deheb, tlett ċrieket b'valur komplessiv ta' €1,000, madwar €10,000 fi flus kontanti, żewġ ċrieket bid-djamanti, par imsielet u brazzuletta, sett tal-brazzuletta, labra, imsielet, ċurkett tat-tieġ, ċurkett tal-għerusija, ċurkett tat-tieġ ta' missier il-kwerelanta, ċurkett tal-għerusija ta' missier il-kwerelanta, barbazzal twil u par imsielet. Din il-ġojjelerija ġie indikata li kellha valur komplessiv ta' madwar €2,500. Insteraq ukoll *choker* li ma kienx tad-deheb. Il-Perit Tekniku kkonkluda li l-persuni mhux magħrufa daħlu fil-post billi skalaw għall-bitħa imbagħad daħlu minn tieqa miftuħa jew inkella użaw ċavetta falza biex fetħu l-bieb ta' barra, imbagħad reġgħu ħarġu minn fejn daħlu.

Riprodott xehed illi l-valur tal-oġġetti misruqa li ġie indikat minnu fir-rapport huwa l-valur li kien ġie indikat lilu mill-konjuġi Lia.

**PS186 Kristian Mintoff** xehed waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2012 illi huwa kien preżenta rapport quddiem il-Maġistrat Inkwirenti li jinkludi ħmistax -il ritratt, li qegħdin a *fol* 27 *et seq* tal-*proces verbal,* esebit fl-atti ta' din il-kawża.

**PS964 Robert Scicluna** xehed waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, għaraf ir-relazzjoni preżentata minnu a *fol* 6 – 10 tal-*proces verbal* u kkonferma l-kontenut tagħha u tal-envelope li kien għadu ssiġillat u li kellu *lifter* wieħed.

**Ex PS165 Alfio Borg** xehed ikkonferma r-rapport li kien ġie preżentat minnu fil-*proces verbal* u preżenta rapport ieħor fejn irranġa xi dettalji indikati fir-rapport oriġinali bħal ma huma d-data ta' meta kien ġie maħtur mill-Maġistrat Inwkirenti.

**PC572 Antoine D'Amato** xehed illi huwa kien mar mal-Ispettur Fleri sabiex jaraw CCTV *footage* f'ħanut fi Triq il-Misqa Ħaż-Żabbar, rigwardanti serqa minn ġo residenza li kienet seħħet il-ġurnata ta' qabel. F'dan il-filmat dehret Mitsubishi Pajero ta' lewn *silver* tipparkja, minnha kienu ħarġu żewġt irġiel li kienu irritornaw ftit tal-ħin wara u telqu minn fuq il-post.

**WPC218 Monica Polidano** xehdet illi fit-30 ta' Settembru 2009 kienet l-għassa Tas-Sliema u l-Ispetturi Fleri u Arnaud kienu talbuha sabiex tassistihom minħabba tfittxija li kellu ssir fid-dar ta' Muriel Micallef ġewwa Ponsonby Street, Gżira. Waqt din it-tfittxija kien ġie elevat flokk aħdar li kien instab minxur u li Micallef qalet li kien tal-partner tagħha.

**Muriel Micallef** xehdet illi f'Settembru 2009 hija kienet fl-indirizz 11, Ponsonby Street. Hija għarfet lill-imputat Scerri fl-awla u qalet li dak iż-żmien kien l-għarus tagħha. Xehdet li dakinhar tat-tfittxija kien hemm xi tlett flokkijiet minxurin, u kienet qalilthom dwar flokk minnhom li kien tal-imputat, u dan il-flokk kien imbagħad ittieħed mill-pulizija.

**PS435 David D'Amato** xehed li fis-6 ta' Settembru 2009 kienu qed jinvestigaw serqa li kienet ġrat minn residenza fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, fejn kienet insterqu xi flus u deheb. L-Ispettur Keith Arnaud kien urieh xi *snapshots* li kienu ġew meħuda minn CCTV *cameras* u fihom kienet tidher Pajero bi tnejn minn nies, li wieħed

minnhom kien liebes flokk aħdar b'xi logo fuqu. Fit-30 ta' Settembru 2009 kienu marru jagħmlu tfittxija fir-residenza ta' Muriel Micallef minn fejn kien ġie elevat flokk simili ħafna għal dak li kien jidher fil-filmati.

**Fredrick Grixti** xehed li huwa jaħdem ma' Premier Leasing and Investments u li l-vettura Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni IBM361 kienet inbiegħet minnhom lil Christopher Scerri u lil martu permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Mejju 2009 li ġie esebit u mmarkat FG1. Huwa għaraf lill-imputat fl-awla, u preżenta wkoll kopja tal-irċevuta ta' ħlas immarkata bħala DOK FG2.

**Stephen Cachia** xehed in rappreżentanza ta' Transport Malta illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBM361 hija Mitsubishi Pajero ta' lewn silver li ġie trasferita lil Diane Julie Scerri fil-15 ta' Mejju 2009, u preżenta d-dokument relattiv li ġie mmarkat bħala DOK SC1.

**L-Ispettur Josric Mifsud** xehed illi kien qiegħed jagħraf sentenza datata 16 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Christopher Scerri, u sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell datata 1 Novembru 2007 u kkonferma li dawn is-sentenzi kienu ingħatat fil-konfront tal-imputat li għaraf fl-awla.

**Joseph Malli** xehed illi fit-23 ta' Ġunju 2014 huwa kien ħa l-impronti diġitali u palmari tal-imputati, u sussegwentement għamel analiżi komparattiv mad-dokumenti a *fol* 27 u 6 tal-proces verbal. Dawn l-impronti kienu tajbin għal finijiet ta' komparazzjoni pero l-ebda impronta ma' qablet ma' dawk tal-imputati. Huwa preżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala DOK JM1.

**Ikkonsidrat;**

**L-ewwel imputazzjoni**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat talli kkommetta serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok fis-6 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-tmienja nieqes kwart ta' filgħodu minn ġewwa r-residenza bl-isem *Tesant*, li tinsab fi Triq Wied il-Għajn, Żabbar.

It-teżi tal-prosekuzzjoni hija illi Alfred Delia kien ottjena ċavetta ta' din id-dar mingħand ċertu Omar Pisani li kien għarus u joqgħod ma' Graziella Lia, li hija bint l-allegati vittmi Maria Theresa u Anthony Lia. Mill-atti jirriżulta illi Graziella Lia kellha ċavetta għad-dar tal-ġenituri tagħha, li kienu joqgħodu ftit il-bogħod minnha, u din iċ-ċavetta kienet dejjem tħalliha d-dar. Il-prosekuzzjoni produċiet lil Omar Pisani biex jixhed, u huwa kkonferma li kien jaf fejn Graziella Lia kienet iżomm din iċ-ċavetta, u kien għaddiha lil Alfred Delia biex jagħmel kopja tagħha u reġa poġġiha lura f'postha qabel ma indunat Graziella Lia. Jirriżulta illi filfatt Omar Pisani kien tressaq il-Qorti taħt arrest fuq akkużi li rrenda ruħu kompliċi fis-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri u instab ħati. Skont Omar Pisani huwa kellu dejn ma' Alfred Delia peress li dak iż-żmien kellu problema ta' abbuż ta' droga u l-ftehim bejniethom kien li dan id-dejn kien ser jiġi paċut jekk huwa jgħaddilu ċ-ċavetta tar-residenza tal-konjuġi Lia. Pisani xehed illi meta kien għadda lil Delia din iċ-ċavetta Delia kien waħdu, iżda meta Delia ħadilu lura kien hemm l-imputat

Christopher Scerri miegħu, u kien anke rikeb magħhom fil-karozza tat-tip Mitsubishi Pajero u ta' lewn *silver* li kienet qed tinstaq mill-imputat stess. Il-prosekuzzjoni tikkontendi illi mill-provi għandu jirriżulta illi l-imputati aċċedew mill-bieb ta' barra permezz ta' ċavetta peress li ma kien hemm l-ebda sinjal ta' sgass u peress illi ma jidhirx illi huwa possibli li minn ikkommetta s-serqa skala l-ħajt tal-bitħa mhux biss għaliex it-tip ta' siġar li hemm wara l-ħajt jagħmluha impossibli li jiġi skalat il-ħajt iżda wkoll peress li l-ħajt kien għadu kif ġie miżbugħ dik il-ġimgħa stess u ma kien hemm l-ebda sinjali ta' skalar fuqu. Skont il-prosekuzzjoni din is-serqa saret filgħodu meta ħadd mill-konjuġi Lia ma kienu d-dar, u ċioe bejn is-6.45am u t-8.00am. L-Assistent Kummissarju Keith Arnaud u l-Assistent Kummissarju Fabian Fleri (dak iż-żmien spetturi) kienu waslu biex jakkużaw lill-imputati wara l-informazzjoni li ġiet mogħtija lilhom minn Omar Pisani, u wkoll wara li ottjenew filmati minn CCTV camera ta' ħanut li kien jinsab kantuniera l-bogħod mill-fond in kwistjoni li kien juri Mitsubishi Pajero ta' lewn *silver* tipparkja għal ħabta ta' 6.50am b'żewġ minn nies joħorġu minnha, li rritornaw lura xi kwarta wara u wieħed minnhom kellu xi tip ta' borża jew basket f'idejh li qabel ma kellux. Din il-vettura jirriżulta li kienet irreġistrata f'isem mart l-imputat Scerri u l-ispetturi xehdu li kienu jafu li kienet tintuża mill-imputat Scerri peress li kien hemm xi drabi oħra li kienu waqfuh waqt li kien qiegħed isuq din il-vettura. Inoltre, l-prosekuzzjoni tikkontendi li kienet elevat mir-residenza tal-imputat dak iż-żmien flokk simili għal dak li kien jidher liebes wieħed mill-persuni li jidhru fil-filmat imsemmi.

Minn naħa tagħha d-difiża tgħid illi l-imputat ma jistax jinstab ħati peress li skont ix-xhieda tad-derubati "joħroġ biċ-ċar illi fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu (07:45am) huma jixhdu bil-ġurament li kollox kien sew u f'postu ġewwa r-residenza tagħhom" mentri l l-akkuża ġiet marbuta mal-ħin tat-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu (7.45am). Id-difiża targumenta ladarba il-vettura Pajero telqet minn fuq il-post fis-sebgħa u għaxar minuti ta' filgħodu (7.10am) ma tistax tinstab ħtija ladarba l-vettura li suppost kien qiegħed isuq telqet minn fuq il-post tlett kwarti qabel ma seħħet is-serqa.

Il-Qorti tqis li dan l-argument huwa żbaljat għaliex id-derubati fl-ebda ħin ma' qalu li kien kollox sewwa fid-dar tagħhom fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu (07.45am). Maria Thereza Lia xehdet illi ħarġet mid-dar biex tmur il-quddies fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45am) u waslet lura d-dar fit-tmienja ta' filgħodu (8am). Żewġha Anthony Lia xehed illi huwa ħareġ mid-dar bejn il-ħamsa u kwart u l-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5.15am – 5.30am) u mar lura bejn id-disgħa u d-disgħa u nofs (9.00am – 9.30am). Għalkemm huwa minnu li l-akkużi ġew marbuta mal-ħin ta' "għal ħabta tat-tmienja nieqes kwart ta' filgħodu), il-Qorti tqis illi r-reat in kwistjoni xorta waħda jaqa' entro l-parametri tal-akkuża. Il-vettura waslet fuq il-post fis-sebgħa neqsin għaxra ta' filgħodu (6.50am) u telqet bejn wieħed u ieħor fis-sebgħa u għaxra ta' filgħodu (7.10am), u ċioe b'differenza ta' inqas minn siegħa bejn dan il-ħin u l-ħin indikat fl-akkuża. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Vella** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru 2023 fejn intqal hekk fuq dan il-punt:

> "...l-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni. Din il-Qorti jidrilha illi b'differenza ta' erbgha u hamsin (54) minuta, l-hin xorta wahda jibqa' wiehed approssimattiv ghad-

differenza ta' distakk ta' madwar tnax (12)-il siegha kif kien il-kaz fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizja vs John Mary Briffa** u **Il-Pulizija vs Clinton Gatt.** Oltre minn hekk, jirrizulta minn Dok FB1 a fol. 44 tal-process, illi l-appellant kien ghadu fid-dura ghall-kwazi siegha wara is-06:30hrs, infatti hu jidher qed jitkellem mal-pulizija fl-ghalqa f'07.40hrs."

Id-difiża targumenta illi Omar Pisani mhuwiex xhud affidabbli u għalhekk il-Qorti m'għandhiex tistrieħ fuq it-testimonjanza tiegħu fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija o meno tal-imputat, u dan ikkonsidrat il-karattru refrettarju tiegħu u minħabba l-esitazzjoni tiegħu biex iwieġeb id-domandi li kienu qed isirilu tant illi l-Qorti kellha twissieh darbtejn biex iwieġeb id-domandi li kienu qed isirulu, u żżid li anke skont il-liġi il-Qorti għandha teżerċita kawtela kbira meta tqis ix-xhieda tiegħu ladarba hija x-xhieda ta' kompliċi peress li jista' jkollu interess li jwaħħal f'ħaddieħor. Wara li eżaminat ix-xhieda ta' Omar Pisani il-Qorti rat illi huwa minnu li Pisani kien pjuttost retiċenti waqt id-deposizzjoni tiegħu. B'dan kollu pero din il-Qorti ma tara xejn suspettuż, in kwantu jaqa' entro n-normali li dan ix-xhud seta' ħass diffikulta biex jixhed fil-presenza tal-imputati (dak iż-żmien inkluż Alfred Delia) u wkoll ikkonsidrat li kien qiegħed effettivament jammetti bil-ġurament li kien kiser il-fiduċja li kellha fih l-għarusa tiegħu meta għadda ċ-ċavetta tar-residenza tal-ġenituri tagħha lil terz, fatt li din il-Qorti qajla ssibha diffiċli temmen li wieħed ma jħossux komdu jammetih. Minn qari tax-xhieda ta' Pisani, inkluż ir-risposti mogħtija minnu in kontro-eżami, din il-Qorti ma sabet xejn illi jxejjen il-kredibbilita tiegħu bħala xhud. Filfatt għalkemm id-difiża tgħid li kien hemm ċertu inkosistenzi, din il-Qorti ma rriskontrat l-ebda inkosistenza fil-verżjoni tal-fatti mogħtija minnu. Lanqas ma jirriżulta li hemm xi anteċedenti li jista' iwasslu lil Qorti biex tiddubita l-affidabilita tiegħu bħala xhud.

Huwa minnu wkoll dak argumentat mid-difiża li l-provi tal-prosekuzzjoni huma fil-maġġior parti provi ċirkostanzjali. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Micheal Ellul Vincenti** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Ottubru 2013:

> "Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika

> wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."

Fuq l-istess linja ta' ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios** deċiża mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013 intqal illi:

> "*It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive*."

Fil-każ odjern jirriżulta, kif diġa intqal illi s-serqa fir-residenza tal-konjuġi Lia seħħet f'xi ħin bejn bejn is-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (6.45am) u t-tmienja ta' filgħodu (8.00am), meta l-konjuġi Lia it-tnejn ma kinux id-dar, u insterqu numru ta' ġojjelli bil-valur komplessiv ta' €4,000 u ammont ta' flus kontanti fis-somma ta' €10,954. Fil-bieb ma nstab l-ebda sgass, u għalhekk min daħal jew kellu ċavetta biex jista' jaċċedi fil-post jew inkella daħal minn naħa tal-bitħa ta' wara. Din l-aħħar ipoteżi pero, u ċioe dħul mill-bitħa ta' wara, qed tiġi eskluża minn din il-Qorti minħabba l-fatt illi mill-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija u l-esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti, irriżulta li ma kien hemm l-ebda sinjal ta' skalar fuq il-ħitan, li kienu għadhom kif ġew imbajda.

Minn filmat ta' CCTV miġbur minn ħanut qrib tad-dar tal-konjuġi Lia tidher Mitsubishi Pajero ta' lewn griż *car* (*silver*) tipparkja fis-sebgħa neqsin għaxra ta' filgħodu (6.50am) u minn din il-vettura ħarġu żewġ persuni li dak il-ħin ma' kellhom xejn f'idejhom u daru l-kantuniera fid-direzzjoni tar-residenza tal-konjuġi Lia. Fuq il-filmat jidhru imbagħad jirritornaw fis-sebgħa u għaxra ta' filgħodu (7.10am), u dak il-ħin wieħed minnhom kellu xi xkora jew investa mimlija f'idejh. Jirriżulta li din il-Mitsubishi Pajero hija proprjeta ta' Diane Scerri li dak iż-żmien kienet mart l-imputat. Jirriżulta wkoll li din il-vettura kienet tintuża mill-imputat, mhux biss mix-xhieda tal-Ispettur Fleri, iżda wkoll mix-xhieda ta' Omar Pisani li qal li meta kien iltaqa' ma' Alfred Delia sabiex dan jirritornalu ċ-ċavetta tar-residenza tal-konjuġi Lia, kien hemm miegħu l-imputat Scerri u kienu qed jużaw proprju din il-vettura, li kienet qed tinstaq mill-imputat. Minn tfittxija li mbagħad kienet saret mill-pulizija fir-residenza tal-*partner* tal-imputat kien instab flokk aħdar simili għal dak li jidher liebes wieħed mill-irġiel fil-filmat imsemmi.

Għalkemm huwa minnu li l-imputat ma kienx ma' Alfred Delia meta dan kien ikkonvinċa lil Pisani biex jagħtih iċ-ċavetta tad-dar tal-konjuġi Lia, il-Qorti hija konvinta li t-tieni persuna li tidher fil-filmat m'huwa ħadd ħlief l-imputat partikolarment ikkonsidrat li fil-filmat iż-żewġ persuni qed jużaw il-vettura li kien juża l-imputat u saħansitra li kien qed

juża meta hu u Delia iltaqgħu ma' Pisani biex tiġi rritornata ċ-ċavetta. Inoltre, għalkemm huwa minnu li l-vettura setgħet ġiet ipparkjata fejn dehret fil-filmat b'kumbinazzjoni biss, il-Qorti qed tiskludi din l-ipoteżi fid-dawl (i) tal-ħin li fih waslet u telqet din il-vettura, li jikkoinċidi perfettament mal-ħin tas-serqa; (ii) iż-żewġ persuni marru lejn u ġew mid-direzzjoni tad-dar tal-konjuġi Lia u (iii) tal-fatt illi l-persuni dehru joħorġu mill-vettura b'idejhom vojta u iżda mbagħad wieħed minnhom irritorna b'xi xkora jew investa mimlija.

Għalhekk, meta meħud l-assjem tal-provi flimkien il-Qorti tqis illi jirriżulta sal-grad rikjest mill-liġi li l-imputat ikkommetta din is-serqa, u għalhekk għandu jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni, it-tielet u r-raba` imputazzjoni**
Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat li kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża inflitta f'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 14 ta' Novembru 2007 u sentenza sospiża oħra inflitta permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 14 ta' Jannar 2008. Permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat bi ksur ta' Ordni ta' Probation impost permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta datata 16 ta' Novembru 2007. Permezz tar-raba` imputazzjoni imbagħad l-imputat qiegħed jiġi akkużat li rrenda ruħu reċediv.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Novembru 2007 in-numru tal-karta tal-identita tal-imputat huwa indikat bħala 419779M. Dan in-numru ma jaqbilx man-numru tal-karta tal-identita tal-imputat. Għaldaqstant peress illi m'hemm l-ebda konferma li din is-sentenza effettivament ġiet mogħtija fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tqis li żgur ma tistax tinstab ħtija taħt it-tieni imputazzjoni fir-rigward ta' din is-sentenza.

Fir-rigward imbagħad tas-sentenzi datati 14 ta' Jannar 2008 u 16 ta' Novembru 2007 il-Qorti tosserva illi dawn is-sentenza ġew mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-prosekuzzjoni ma ressqitx prova illi dawn is-sentenzi kienu definittivi fiż-żmien meta ġie kommess ir-reat. Peress li dawn is-sentenzi ingħataw minn qorti ta' prim'istanza kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni l-obbligu li tressaq prova jew li dawn is-sentenza kienu ġew konfermati mill-Qorti tal-Appell jew illi ma kienx sar appell minnhom. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti ma tistax issib ħtija taħt it-tieni u t-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat.

Fir-rigward tal-addebitu tar-reċediva il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Leslie Farrugia et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 16 ta' Mejju 2023 fejn intqal hekk:

> "78. Biex il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun reċidiva. Iżżieda fil-piena hija effett tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex

dak l-effett ikun jista' jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu – jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata. L-effett tar-reċidiva jista' jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-imputat in kwantu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b'mod ġenerali jew speċjali.
79. Għalhekk l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jitqies mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali b'mod leġġer u dan peress li jekk pruvata, rreċidiva tista' tħalli impatt serju fuq il-kwalita u l-kwantita tal-piena imponibbli fuq l-imputat. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li persuna huwa reċidiv jew tqis imputat bħala reċidiv sempliċiment mad-daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tiegħu – għalkemm din hija indikattiva tal-karattru tal-imputat u lġurisprudenza teżiġi li tittieħed in konsiderazzjoni f'kull każ meta tali Qorti tiġi biex teroga l-piena. 80. Biex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenti potenzjal ta' żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari - il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li r-rekwiżiti tarreċidiva jiġu soddisfatti. Fosthom hemm:
[…]
v. Għall-fini tal-artikoli 50 u 53 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.
vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret res iudicata billi:
a. jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew
b. fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew
c. b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet res iudicata, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali."

Il-Qorti tqis illi l-unika sentenza esebita mill-prosekuzzjoni li tista' tittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti għal finijiet tal-addebitu tar-reċediva hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 1 ta' Novembru 2007 (DOK KA5, a *fol* 149 *et seq)* peress illi huwa biss fir-rigward ta' din is-sentenza illi hemm prova ta' *res judicata.* Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien ġie kkundannat xahrejn priġunerija effettivi, li minnhom kellhom jitnaqqsu kull perjodu li kien għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dik l-akkuża. L-akkuża kienet titratta ksur ta' kundizzjoni ta' liberta` provviżorja kommess fit-12 ta' Settembru 2007. Għalhekk, din il-piena ġiet skontata f'xi żmien bejn it-12 ta' Novembru 2007, jekk l-imputat kien ġie arrestat u miżmum taħt arrest minn dakinhar tal-kommissjoni tar-reat u miżmum taħt arrest sakemm ġew

deċiżi l-proċeduri mill-Qorti tal-Appell Kriminali, sa l-iktar tard l-1 ta’ Jannar 2008 fil-każ li l-imputat ma kien qatta` l-ebda żmien taħt arrest preventiv fir-rigward ta’ dak ir-reat. Ir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni ġie kommess fis-6 ta’ Settembru 2009 u għalhekk entro ħames snin minn meta skonta s-sentenza ta’ priġunerija imposta mill-Qorti tal-Appell Kriminali, anke jekk din kienet diġa ġiet skontata kompletament fit-12 ta’ Novembru 2007.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Dwar l-għan tal-piena inflitta fi proċeduri penali il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk Maalem Abderrahmane Lazhari Zamouche** deċiża fit-22 ta’ Ottubru 2019 fejn intqal hekk:

> “Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
> (a)Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad- dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita ’ taghha.
>
> L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista ’tinghata tohloq f ’mohh is-soċjeta, b ’mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t ’eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.
>
> L-aspett preventiv ghalhekk huwa dupliċi : wiehed ta ’natura ġenerali u l-iehor ta ’natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-sahha tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista ’ jkun imrażna milli tikkommetti reati minhabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b ’mod li darb ’ohra jerġa jahsibha sew qabel ma jaghżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minhabba li l-Liġi penali tibda ’titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġieghel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu ghax jekk jiddelinkwu minghajr konsegwenza jew b ’konsegwenza żghira, isir konvenjenti ghall-membri fi hdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta ’delinkwenza b ’konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita ’. Is-

soċjeta allura tehtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi mehtieġ ghall- eżistenza paċifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija speċifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta 'trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali ghas- soċjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn proċess ta 'riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata 'mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta 'theddida ghas- soċjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista 'jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mghejjun itejjeb l-imġieba tieghu b 'mod li ghalhekk ikun jista 'jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imheġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawża b 'eghmilu F' 'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikaċja repressiva."

Fil-każ odjern, skont l-artikolu 280 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-piena applikabbli hija dik kontemplata fl-artikolu 279(b) b'żieda bi grad, peress illi l-kwalifika tal-valur hija akkompanjata bil-kwalifika tal-mezz, u l-piena kontemplata fl-artikolu fl-artikolu 280 hija aktar baxxa mill-piena kkontemplata fl-artikolu 279(b). Imbagħad jista' jkun hemm żieda bi grad ukoll minħabba l-addebitu tar-reċediva, ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fid-diskrezzjoni tal-Qorti. L-ebda żieda bi grad m'għandha tiġi inflitta b'applikazzjoni tal-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi ma rriżultax reċediva fir-rigward ta' xi reat ta' serq kif spjegat aktar il-fuq.

Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi din il-kawża ilha pendenti kważi ħmistax -il sena u tirrigwarda reat li ġie kommess fl-2009. Għalhekk b'rispett lejn id-dritt tal-imputat għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kif diġa ġie deċiża minn din il-Qorti fid-digriet tagħha tat-8 ta' Novembru 2024 din il-Qorti ser tkun qed tieħu in konsiderazzjoni l-provi prodotti mill-imputat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar il-progress li huwa għamel fir-riabilitazzjoni tiegħu matul is-snin li ilha pendenti din il-kawża. Fil-fehma tal-Qorti jkun inġust lejn l-imputat li l-progress li jirriżulta li għamel fir-riabilitazzjoni tiegħu u l-ġlieda tiegħu kontra d-droga jiġi injorat u li jingħata piena daqslikieku l-imputat m'użax is-snin li għaddew waqt li din il-kawża kienet pendenti biex jagħmel l-almu tiegħu biex jibdel ħajtu.

Detto dan, din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-gravita tar-reat kommess minnu, u ċioe serqa mid-dar ta' żewġ anzjani f'dawk il-ftit siegħat li huma ma kinux id-dar waqt ir-

rutina tagħhom ta' nhar ta' Ħadd filgħodu, u r-riperkussjonijiet li reat bħal dan ikollu fuq it-trankwilita tagħhom u tas-soċjeta b'mod ġenerali. Lanqas ma jistax jiġi injorat il-valur komplessiv ta' ftit anqas minn ħmistax -il elf ewro (€15,000) tas-serqa a detriment tad-derubati li mill-atti ma jidhirx li qatt ġew riżarċiti tat-telf subit minnhom. Huwa relevanti wkoll illi fiż-żmien meta ġiet kommessa s-serqa in kwistjoni l-imputat kien qiegħed jibbenefika minn numru ta' opportunitajiet mogħtija lilu mill-Qorti sabiex jirriabilita ruħu, u għalhekk għalkemm kif ingħad din il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni l-progress li l-imputat għamel matul is-snin, xorta waħda jrid jinstab bilanċ li jirrifletti kemm il-opportunita ħela l-imputat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat odjern.

Ikkonsidrat dan kollu l-Qorti tqis li l-piena idoneja f'dan il-każ tkun l-imposizzjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-minimu assolut tiegħu skont kif ikkontemplat fil-liġi, u din il-Qorti ser tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex ma tapplikax żieda bi grad minħabba l-addebitu tar-reċediva, sabiex jinstab bilanċ bejn dak spjegat fil-paragrafu preċedenti u l-progress li sar mill-imputat matul is-snin. Għaldaqstant il-piena għandha tkun dik ta' tmintax -il xahar priġunerija effettiva.

**Decide**

Għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b) 261(c), 261(e), 263, 264(1), 265, 267, 269(b), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati tal-ewwel u r-raba` akkużi dedotta kontra tiegħu u tikkundannah għal tmintax -il xahar priġunerija effettivi, li minnhom irid jitnaqqas kwalunke perjodu li l-imputat għamel taħt arrest preventiv fir-rigward ta' din il-kawża, filwaqt illi tilliberah mill-bqija tal-akkużi dedotti kontra tiegħu.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Ann Marie Thake**
Maġistrat

**Ylenia Spiteri**
Deputat Reġistratur